UNJONI EWROPEA

Kumitat tar-Reġjuni

**DEĊIŻJONI Nru 028/2016**
dwar
**L-organizzazzjoni ta' konferenzi, wirjiet u avvenimenti oħrajn fi ħdan il-Kumitat tar-Reġjuni u ta' avvenimenti lokali fl-Istati Membri**

**KUNTEST**

**Artikolu 1 Suġġett**

1.1 Bħala l-assemblea tar-rappreżentanti reġjonali u lokali tal-UE u l-korp konsultattiv għall-istituzzjonijiet tal-UE, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni (KtR) jirrappreżenta r-reġjuni u l-bliet ta-Ewropa fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Għal dan l-għan, flimkien mal-attivitajiet ewlenin tiegħu ddedikati għall-qafas leġislattiv tal-UE u skont l-Istrateġija ta' Komunikazzjoni għall-perjodu ta' żmien twil u l-Pjan ta' Komunikazzjoni annwali tiegħu, il-KtR qed jilqa' fil-bini tiegħu "avvenimenti ospitati" bħal konferenzi, wirjiet u avvenimenti oħra, u jorganizza "avvenimenti lokali" fl-Istati Membri, organizzati bi sħubija mal-membri tal-KtR, l-awtoritajiet reġjonal u lokali, l-assoċjazzjonijiet tagħhom u istituzzjonijiet oħra tal-UE, li jkunu jikkorrispondu mal-għanijiet u l-prijoritajiet politiċi tiegħu, u jinkludu b'mod partikolari:

- li jgħarraf lill-pubbliku ġenerali dwar l-aġenda tal-KtR u li jsaħħaħ l-impatt politiku tal-opinjonijiet tiegħu;
- li jistabbilixxi djalogu billi jisma', jagħti vuċi u viżibilità lill-interessi u l-pożizzjonijiet taċ-ċittadini u r-reġjuni u l-bliet tal-Ewropa dwar kwistjonijiet tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' djalogi maċ-ċittadini u avvenimenti lokali oħra;
- li joffri pjattaforma lill-awtoritajiet reġjonali u lokali għall-iskambju tal-għarfien u l-prattiki tajba u għall-iżvilupp ta' netwerks Ewropej.

1.2 Il-laqgħat statutorji tal-KtR u l-avvenimenti organizzati fuq l-inizjattiva tiegħu stess, kif ukoll il-laqgħat, il-konferenzi u l-attivitajiet l-oħrajn tal-gruppi politiċi fi ħdan il-KtR mhumiex fl-ambitu ta' din id-Deċiżjoni.

1.3 L-organizzazzjoni ta' avvenimenti kif definiti minn din id-deċiżjoni tkun konformi mar-regolamenti interni Nru 003/2014, 004/2014, 005/2014 u 0002/2016.



MT

## KAPITOLU I

## Avvenimenti organizzati fil-bini tal-KtR

### Artikolu 2 Rekwiżiti ġenerali

2.1 L-istituzzjonijiet jew organizzazzjonijiet li jorganizzaw avvenimenti fil-bini tal-KtR minn issa 'l quddiem jissemmew "l-organizzatur". Dawn l-avvenimenti jissemmew bħala "avvenimenti ospitati". L-organizzatur għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Deċiżjoni u għandu jikkonforma ma' proċedura ta' applikazzjoni skont liema l-KtR jiddeċiedi jekk jaċċettax l-avveniment. L-applikazzjonijiet jistgħu jitressqu minn:

- membri tal-KtR;
- istituzzjonijiet u korpi tal-UE kif ukoll partiti politiċi tal-UE;
- awtoritajiet/parlamenti/assembleji nazzjonali, reġjonali jew lokali;
- assoċjazzjonijiet ta' reġjuni u bliet;
- gruppi ta' riflessjoni, istituti ta' riċerka, fondazzjonijiet, assoċjazzjonijiet jew netwerks li jindirizzaw kwistjonijiet ta' tħassib reġjonali u lokali u li joperaw fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ.

2.2 Il-konferenzi organizzati minn partiti politiċi huma eliġibbli bħala avvenimenti ospitati sakemm dawn ikollhom l-appoġġ ta' wieħed mill-Gruppi Politiċi tal-KtR.

2.3 L-avvenimenti ospitati għandom jinvolvu b'mod attiv wieħed jew aktar mill-membri tal-KtR. Dawn għandhom ikunu marbutin mal-prijoritajiet politiċi u l-attivitajiet annwali tiegħu u jkunu konformi mal-pjan ta' komunikazzjoni annwali tal-KtR.

2.4 L-attendenza għal avveniment ospitat għandha tilħaq minimu ta' 50 parteċipant. L-avveniment għandu jkollu karattru Ewropew jew reġjonali u għandu josserva l-prinċipji tal-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali.

2.5 L-avvenimenti organizzati fil-bini tal-KtR m'għandhomx jheddu d-dinjità tal-istituzzjonijiet Ewropej.

2.6 L-organizzatur għandu jieħu kunsiderazzjoni ta' kriterji ambjentali matul it-tħejjija, l-organizzazzjoni u s-segwitu, f'konformità mal-kriterji tat-tikketta EMAS (Skema Komunitarja għall-immaniġġjar tal-ambjent u verifika).

2.7 L-organizzatur ma jista jitlob ebda forma ta' ħlas għad-dħul jew ir-reġistrazzjoni għal avvenimenti organizzati fil-bini tal-KtR.

2.8 L-avveniment ma għandux ikollu għan kummerċjali u l-organizzatur għandu jintrabat li ma jwettaq l-ebda attività kummerċjali bħal pereżempju bejgħ jew teħid ta' ordnijiet, jew kwalunkwe attività simili, inklużi attivitajiet għal finijiet ta' karità jew ġbir ta' fondi matul il-perjodu li fih juża l-bini tal-KtR.

2.9 L-identità tal-korp organizzatur għandha tiġi ddikjarata b'mod ċar fil-formola tal-applikazzjoni.

2.10 L-organizzatur għandu jiżgura li l-avveniment ma jfixkilx il-funzjonament normali tal-attivitajiet tal-KtR. Awtorizzazzjoni biex jiġi organizzat avveniment tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin għal raġunijiet ta' sigurtà jew biex jiġi żgurat li jinżamm l-operat normali tal-attivitajiet tal-KtR. Dan, fi kwalunkwe każ, ma jista' jinvolvi ebda responsabbiltà għall-ħlas ta' kumpens lill-organizzatur.

2.11 In-nuqqas ta' rispett tar-regoli tal-KtR applikabbli għall-organizzazzjoni tal-avvenimenti (f'termini ta' kontenut, sigurtà u attivitajiet) jista' jwassal biex il-KtR iwaqqaf parti jew l-avveniment kollu fi kwalunkwe ħin, bi spejjeż tal-organizzatur.

2.12 L-avvenimenti organizzati fil-KtR għandhom jużaw il-mezzi kollha adatti biex jenfasizzaw ir-rwol u l-kontribut tal-KtR fil-qasam ikkonċernat. Dan jinkludi l-pubblikazzjoni tal-isem u l-logo tal-KtR fid-dokumentazzjoni u l-materjal promozzjonali uffiċjali kollha tal-avveniment (eż. fuq is-sit web, il-programm, il-posters, l-istediniet, l-istqarrijiet għall-istampa tal-avveniment, eċċ.). L-avveniment għandu jkun identifikat b'mod ċar bħala "koorganizzat" jew "ospitat" mill-KtR.

2.13 F'każ li l-KtR ma jikkontribwixxix għall-programm jew il-kontenut tal-avveniment, l-organizzatur għandu l-obbligu li jippubblika dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà fid-dokumentazzjoni kollha sabiex jiġi ċċarat li l-KtR mhuwiex responsabbli għall-kontenut tal-laqgħa.

2.14 Sakemm ma jkunx speċifikament awtorizzat, l-avvenimenti ma jistgħux isiru barra mill-ħinijiet tax-xogħol normali (8.30 a.m. -5.30 p.m.), matul is-sessjonijiet plenarji, fis-Sibtijiet u l-Ħdud, fil-btajjel pubbliċi jew meta l-bini tal-KtR ikun magħluq.

2.15 L-applikazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti proċedurali stipulati f'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu ttrattati skont l-ordni li jaslu fih.

**Artikolu 3 Regoli speċifiċi għal avvenimenti koorganizzati u ospitati**

3.1 L-avvenimenti koorganizzati jiġu preparati u dokumentati b'mod konġunt mill-organizzatur u l-KtR. Jekk ikun hemm riżorsi disponibbli u l-approvazzjoni uffiċjali, il-KtR jista' jikkontribwixxi għall-ispejjeż tal-konferenzi koorganizzati.

3.2 L-avvenimenti ospitati jiġu preparati u dokumentati mill-organizzatur. Sakemm ma jkunx hemm l-awtorizzazzjoni speċifika tas-Segretarju Ġenerali, il-KtR ma jikkontribwixxix għall-ispejjeż tal-avvenimenti ospitati. L-organizzatur ta' avveniment ospitat jista' jintalab iħallas tariffi għall-użu tal-bini tal-KtR.

**Artikolu 4 Applikazzjoni**

4.1 L-applikazzjonijiet kollha għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti fil-KtR għandhom jiġu indirizzati lill-unità tal-KtR inkarigata mill-avvenimenti.

4.2 L-applikazzjoni għandha tinkludi l-isem ta' mill-inqas membru wieħed tal-KtR li jappoġġja l-avveniment. Dan l-obbligu m'għandux japplika għal istituzzjonijiet Ewropej oħrajn.

4.3 L-applikazzjoni biex jiġi organizzat avveniment għandha titressaq mill-inqas tnax-il ġimgħa qabel id-data maħsuba, permezz ta' formola onlajn li fiha għandha tingħata l-informazzjoni teknika kollha.

4.4 Flimkien mal-applikazzjoni, l-organizzatur għandu jippreżenta abbozz ta' programm inkluż l-ismijiet u l-affiljazzjoni organizzattiva ta' kelliema mistennija li jagħtu lekċers waqt l-avveniment. Fejn adatt, il-KtR għandu jkun rappreżentat minn kelliema magħżulin primarjament minn fost il-membri. Kwalunkwe tibdil fil-programm jew iż-żmien tal-avveniment jew konferenza għandu jitressaq mill-aktar fis mill-organizzatur lill-unità tal-KtR responsabbli.

4.5 L-organizzatur għandu jiddikjara li se jirrispetta għadd minimu (50) u massimu ta' parteċipanti fir-rigward tal-kmamar u l-ispazju li jistgħu jiġu allokati biex jittella' l-avveniment.

4.6 Avvenimenti ospitati organizzati fil-KtR għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku. Madankollu, fil-każ li l-organizzatur jitlob aċċess ristrett, huwa għandu jipprovdi lill-KtR b'raġunament dettaljat tal-politika ta' stedina prevista.

4.7 L-organizzatur għandu jiddikjara li jipprovdi persunal biex ikun disponibbli fil-bini tal-KtR biex jilqa', jirreġistra u jiggwida l-parteċipanti għat-tul kollu tal-avveniment.

4.8 L-applikazzjonijiet biex jiġu organizzati avvenimenti artistiċi u kulturali għandhom jinkludu wkoll deskrizzjoni sħiħa u ritratti tax-xogħlijiet artistiċi (daqs, piż, eċċ.) jew l-avveniment ippjanat, u t-testi ppjanati li jiġu ppubblikati u/jew esibiti fil-bini tal-KtR.

4.9 Derogi mill-obbligi stipulati f'dan l-artikolu jeħtieġu deċiżjoni mis-Segretarju Ġenerali.

**Artikolu 5 Proċedura ta' approvazzjoni**

5. L-applikazzjonijiet għal avvenimenti ospitati jiġu kkunsidrati minn kumitat intern tal-KtR (Kumitat tal-Avvenimenti).

5.1 Il-Kumitat tal-Avvenimenti jeżamina l-konformità tal-avveniment propost mar-rekwiżiti u joħroġ opinjoni, filwaqt li titqies ir-rilevanza tal-avveniment fid-dawl tal-prijoritajiet u l-attivitajiet tal-KtR.

5.2 Is-Segretarju Ġenerali tal-KtR għandu jieħu deċiżjoni dwar l-organizzazzjoni ta' konferenzi ospitati jew koorganizzati. Kull meta jkun meħtieġ, id-deċiżjoni tittieħed wara konsultazzjoni tas-Segretarjati tal-Gruppi Politiċi u tal-Kabinett tal-President.

5.3 L-applikazzjonijiet għal wirjiet għandhom jiġu kkunsidrati minn kumitat intern tal-KtR (Kumitat Regi-Art) li joħroġ opinjoni, segwita minn deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-KtR.

**Artikolu 6 Eżekuzzjoni tal-avveniment**

6.1 L-aċċess fil-bini tal-KtR minn persuni esterni (organizzaturi; kelliema; parteċipanti) għandu jkun soġġett għar-regolamenti tas-sigurtà tal-KtR; barra dan, għandu jkun ristrett għaż-żona disponibbli għall-avveniment.

6.2 Tlett ijiem ta' xogħol qabel l-avveniment l-organizzatur għandu jissottometti l-lista sħiħa ta' parteċipanti rreġistrati għal dan l-avveniment. L-organizzatur għandu jinforma lill-KtR dwar kwalunkwe mistednin VIP mistennijin jattendu għall-avveniment.

6.3 Qabel il-ftuħ uffiċjali ta' wirja fil-bini tal-KtR, issir verifika finali tal-wirja minn rappreżentant tal-KtR flimkien mal-organizzatur.

**Artikolu 7 Kondizzjonijiet għall-użu tal-bini, materjal jew servizzi tal-KtR**

7.1 Il-KtR jista' joffri massimu ta' tliet postijiet għal massimu ta' jumejn għal avveniment ospitat.

7.2 Il-KtR jista' jipprovdi servizzi, tagħmir tekniku u faċilitajiet lill-organizzatur, skont id-disponibbiltà u l-approvazzjoni minn qabel. It-talba għal tali servizzi għandha ssir mill-inqas 10 ġranet ta' xogħol qabel l-avveniment.

7.3 Il-KtR jirriserva d-dritt li jbiddel l-allokazzjoni ta' postijiet u tagħmir u/jew servizzi pprovduti lill-organizzatur skont il-ħtiġijiet tal-aħħar mument tiegħu stess.

7.4 Soġġett għad-disponibbiltà ta' riżorsi u awtorizzazzjoni minn qabel, il-KtR jista' joffri ċerti servizzi lill-organizzatur, bħall-interpretazzjoni (massimu ta' 3 lingwi, arranġamenti attivi/passivi) u/jew il-forniment ta' xorb (kafè, tè, ilma).

7.5 Servizzi ta' forniment tal-ikel marbuta ma' avvenimenti ospitati u koorganizzati jistgħu jintalbu mingħand il-fornitur intern jew minn fornitur estern. L-organizzatur ta' avveniment ospitat għandu jagħmel l-arranġamenti kollha (ordnijiet, pagamenti) direttament mal-fornitur u jinforma lill-KtR.

7.6 Il-KtR jista' jiddeċiedi li jtemm l-avveniment/wirja jekk il-kondizzjonijiet li bihom tkun saret l-applikazzjoni mill-organizzatur u sussegwentement aċċettati mill-KtR ma jiġux rispettati.

**Artikolu 8 Responsabbiltà**

8.1 L-organizzatur għandu jerfa' responsabbiltà sħiħa u jeżonera lill-KtR minn kull responsabbiltà f'dawn l-oqsma li ġejjin:

- il-kunsinna, il-preparazzjoni u l-konsum ta' xorb u ikel li jitqassmu waqt l-avveniment tal-organizzatur fil-bini tal-KtR u r-rimi tal-iskart;

- avvelenament mill-ikel jew kull ħsara oħra kkawżata minn ikel u xorb servut waqt l-avveniment tal-organizzatur fil-bini tal-KtR.

8.2 L-organizzatur għandu jintrabat li jikkonforma mal-formalitajiet doganali u sanitarji u mal-obbligi legali l-oħrajn kollha li jirriżultaw mill-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti li jiġu esibiti u/jew prodotti li jiġu kkunsmati.

8.3 L-organizzatur għandu jintrabat li juża ż-żoni tal-KtR b'mod responsabbli u prudenti u jiżgura li ż-żoni għad-dispożizzjoni tiegħu jitħallew f'kundizzjoni perfetta wara l-avveniment.

8.4 L-organizzatur huwa responsabbli għal kull ħsara lill-faċilitajiet tal-KtR matul it-tħejjija, u waqt l-avveniment jew it-tindif u/jew ikkawżata minn wieħed jew aktar mid-delegati tal-avveniment. Kull ċaqliq ta' materjali fil-bini tal-KtR għandu jsir bl-użu ta' tagħmir xieraq (trolleys, eċċ.) li jappartjeni lill-organizzatur jew għad-dispożizzjoni tiegħu mill-KtR.

8.5 Il-KtR huwa eżonorat minn kull responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara, telf jew serq ta' materjal tal-wirja li jseħħu fuq il-post jew matul it-trasport lejn u mill-bini tiegħu.

8.6 L-organizzatur għandu jkun assigurat kompletament biex ikopri r-responsabbiltà ċivili fir-rigward ta':

- kull korriment lil persuni
- is-servizzi mogħtija jew l-oġġetti esibiti;
- kwalunkwe riskju ta' ħsara, telf jew serq ta' materjali użati jew ta' xogħlijiet esibiti jew mislufa lill-KtR;
- kwalunkwe persuna esterna (eż. ditti tal-forniment tal-ikel, fornituri esterni, eċċ.) kontra kull riskju li joriġina mill-ħidma fil-bini tal-KtR.

8.7 Il-KtR jirriserva d-dritt, f'każ ta' inċident jew għal raġunijiet ta' sigurtà, li jieħu l-passi kollha neċessarji sabiex jissalvagwarda l-interessi proprji tiegħu kif ukoll dawk ta' kwalunkwe persuna jew oġġett li jinsabu fil-bini tiegħu.

**Artikolu 9 Spejjeż li għandhom jitħallsu mill-organizzatur**

9.1 Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bil-miktub, l-ispejjeż kollha tal-avveniment jew tal-provvista ta' servizzi ta' forniment tal-ikel għandhom jitħallsu mill-organizzaturi.

9.2 L-organizzatur għandu jintrabat li jħallas l-ispejjeż kollha materjali u amministrattivi relatati mal-konferenza, il-wirja jew l-avveniment, inkluż:

- trasport jew spejjeż tal-ġarr;
- kwalunkwe spiża ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' persuni involuti u oġġetti esibiti;
- spejjeż relatati ma' servizzi ta' forniment tal-ikel (servizz ta' kafè u ilma għall-konferenza, cocktail party, riċeviment, ftuħ tal-wirja, preżentazzjoni jew dewqan ta' prodotti, ikla ta' nofsinhar jew ta' filgħaxija fil-bini tal-istituzzjonijiet, eċċ.);
- servizzi ta' interpretazzjoni;
- spejjeż tat-tindif u tas-sigurtà, kif ikun adatt;
- spejjeż ta' stedina;
- spejjeż dovuti għal danni kkawżati lill-assi tal-istituzzjoni jew l-interessi ta' partijiet terzi, kif ikun adatt
- l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-kanċellazzjoni tal-avveniment mill-organizzatur jew mill-KtR.

9.3 L-organizzatur għandu jħallas l-ispejjeż tal-armar u ż-żarmar tal-materjal kollu tal-wirja u/jew tal-materjal għall-forniment tal-ikel fiż-żona allokata għal dan il-għan mill-KtR u għandu jikkonforma ma' kwalunkwe struzzjoni tal-KtR dwar l-aspetti prattiċi u tekniċi tal-avveniment.

9.4 Il-materjal kollu għall-konferenza għandu jitneħħa mill-bini tal-KtR mill-organizzatur immedjatament wara l-konferenza u bi spejjeż tiegħu.

## KAPITOLU II

L-appoġġ tal-KtR għal avvenimenti lokali fl-Istati Membri

### Artikolu 10 L-appoġġ tal-KtR għal avvenimenti lokali koorganizzati fl-Istati Membri

10.1. Sabiex jikkomunika aħjar maċ-ċittadini u mal-partijiet interessati dwar ir-rwol u l-prijoritajiet politiċi tiegħu, il-KtR jista' jappoġġja avvenimenti lokali fl-Istati Membri, fuq inizjattiva ta' wieħed jew aktar mill-membri tal-KtR, awtorità (awtoritajiet) reġjonali u lokali tal-UE, l-assoċjazzjonijiet nazzjonali tagħhom, u li preferibbilment jiġu organizzati fi sħubija mal-istituzzjonijiet tal-UE u l-uffiċċji nazzjonali tagħhom, jiġifieri l-Uffiċċji tal-Informazzjoni tal-Parlament Ewropew (EPIO), ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea (REPS) u ċ-Ċentri ta' Informazzjoni Europe Direct (EDICs). Għal dan il-għan, l-avvenimenti tal-KtR lokali għandhom l-għan:

- li jinvolvu liċ-ċittadini, b'mod partikolari l-ġenerazzjonijiet żgħażagħ, dwar l-aġenda tal-UE u li jappoġġjaw avvenimenti ta' parteċipazzjoni fil-livell lokali, filwaqt li tingħata vuċi lill-interessi u l-aspettattivi tat-territorji tal-UE (inkluż id-djalogi taċ-ċittadini, kif organizzati mill-Kummissjoni Ewropea);

- li jikkontribwixxu direttament għall-ħidma konsultattiva tal-KtR, inkluża t-tħejjija tal-opinjonijiet tal-KtR permezz ta' dibattiti lokali mal-partijiet interessati dwar il-leġislazzjoni tal-UE li tkun ppjanata u l-impatt potenzjali tagħha fuq ir-reġjuni u l-bliet tal-UE (inklużi djalogi mal-partijiet interessati, kif organizzati mill-Parlament Ewropew);

- li jinkoraġġixxu l-iskambju tal-għarfien u ta' prattiki tajba fost il-bliet u r-reġjuni tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mal-affarijiet tal-UE u l-impatt reġjonali tagħhom (eż. fil-forma ta' konferenza jew seminar koorganizzati mal-assoċjazzjonijiet Ewropej jew nazzjonali tar-reġjuni u l-bliet);

- li jqiegħdu l-KtR fuq l-aġenda politika tal-UE u jsaħħu l-kooperazzjoni interistituzzjonali mal-istituzzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari mal-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew.

10.2. Sabiex jinħolqu sinerġiji u jiżdied l-impatt tal-attivitajiet tal-KtR fil-livell lokali, skont il-prijoritajiet tematiċi u l-udjenza fil-mira, id-dati tal-avvenimenti lokali u l-laqgħat esterni tal-Bureau tal-KtR u l-Kummissjonijiet għandhom jiġu organizzati immedjatament wara xulxin kull meta jkun possibbli.

10.3. L-avvenimenti tal-KtR lokali għandu jkollhom karattru Ewropew u rabta ċara mal-prijoritajiet politiċi annwali tal-KtR inkluż il-prijoritajiet tematiċi tal-Kummissjonijiet tal-KtR u l-pjan ta' komunikazzjoni tal-KtR. Dawn jistgħu jiġu organizzati bħala parti minn avveniment nazzjonali usa' jew kampanja ta' informazzjoni annwali tal-UE jew bħala serje ta' avvenimenti organizzati f'kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet tal-UE oħrajn. B'mod eċċezzjonali, dawn l-avvenimenti jistgħu jseħħu wkoll barra l-UE.

**Artikolu 11 Rekwiżiti ġenerali għal avvenimenti lokali koorganizzati**

11.1 Il-KtR jista' jkun "koorganizzatur" ta' avveniment lokali propost minn

- membru wieħed jew aktar tal-KtR u l-awtorità lokali jew reġjonali tagħhom;
- awtorità (awtoritajiet) reġjonali jew lokali waħda jew aktar;
- assoċjazzjonijiet nazzjonali, li jirrappreżentaw l-interessi lokali u reġjonali.

11.2 L-avvenimenti lokali għandhom jinvolvu mill-inqas wieħed mill-korpi li ġejjin, bħala "msieħeb/imsieħba tal-avveniment":

- L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE bħal: il-KE, il-PE u l-uffiċċji nazzjonali tagħhom (EPIOs u r-REPs);
- ċentru ta' informazzjoni uffiċjali tal-UE wieħed jew aktar (eż. EDICs);
- Netwerks u assoċjazzjonijiet Ewropej, nazzjonali jew reġjonali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
- Gruppi ta' riflessjoni, istituti ta' riċerka, fondazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u netwerks li jindirizzaw kwistjonijiet ta' tħassib reġjonali u lokali u li joperaw fuq bażi mingħajr skop ta' qligħ.

11.3 Żewġ membri tal-KtR jew aktar minn pajjiżi differenti jistgħu jippreżentaw proposti konġunti, anke għal avvenimenti lokali transkonfinali jew interreġjonali.

11.4 Membru tal-KtR wieħed jew aktar għandhom ikunu kelliema fl-avveniment lokali, li għandu jħares il-ħtieġa li jkun hemm bilanċ ġeografiku u politiku.

11.5 L-avveniment propost għandu jimmira li jattira minimu ta' 50 parteċipant, jiġifieri ċittadini, rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet lokali, partijiet interessati reġjonali u lokali, assoċjazzjonijiet u netwerks li jindirizzaw kwistjonijiet ta' tħassib reġjonali u lokali.

11.6 Il-KtR ser jappoġġja għadd limitat ta' avvenimenti, bil-kundizzjoni li jkunu disponibbli riżorsi finanzjarji fuq bażi annwali.

11.7 L-objettivi, il-kunċett, il-miri, pjan finanzjarju u programm tal-avveniment, għandhom jiġu miftiehma bejn il-koorganizzaturi u l-KtR.

11.8 Avvenimenti lokali ma jistgħux jiġu organizzati fi żmien it-tliet xhur qabel elezzjonijiet nazzjonali jew reġjonali.

11.9 L-organizzatur ma jista jitlob ebda forma ta' ħlas għad-dħul jew ir-reġistrazzjoni għal avvenimenti koorganizzati fil-livell lokali mal-KtR.

11.10 Barra minn hekk, l-avveniment m'għandux ikollu għan kummerċjali u l-koorganizzaturi għandhom jimpenjaw ruħhom li ma jeżerċitaw l-ebda attività kummerċjali bħal pereżempju bejgħ jew teħid ta' ordnijiet jew kwalunkwe attività simili, inklużi l-attivitajiet għal finijiet ta' karità jew skopijiet ta' ġbir ta' fondi.

11.11 Għandhom jingħataw garanziji sħaħ dwar l-identità tal-korp li qed jipproponi li jorganizza l-avveniment, u tal-parteċipanti mistennija.

11.12 Jekk is-servizzi rilevanti tal-KtR josservaw li r-regoli tal-KtR applikabbli għall-organizzazzjoni ta' avveniment lokali (kontenut, sigurtà, attivitajiet) mhux qed jiġu osservati jew jekk l-avveniment ma jikkorrispondix għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fl-applikazzjoni, jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jiddeċiedu li jtemmu l-avveniment jew li titneħħa parti mill-programm jew il-programm kollu bi spejjeż tal-organizzatur.

11.13 L-avvenimenti lokali appoġġjati mill-KtR għandhom jużaw il-mezzi kollha adatti biex jiġi enfasizzat ir-rwol tal-KtR u l-kontribut tiegħu fir-rigward tal-qasam ikkonċernat, inkluż l-użu tal-isem u l-logo tal-KtR fid-dokumentazzjoni uffiċjali kollha jew fil-materjal promozzjonali għall-avveniment (fuq is-sit web għall-avveniment, fil-programm, il-posters, l-istediniet u l-istqarrijiet għall-istampa, eċċ.).

**Artikolu 12 Applikazzjoni u proċedura ta' approvazzjoni għal avvenimenti lokali koorganizzati**

12.1. Espressjonijiet ta’ interess biex jiġi organizzat avveniment lokali għandhhom jiġu ppreżentati tliet xhur qabel id-data tal-avveniment, permezz ta’ formola onlajn u għandhom jipprovdu l-informazzjoni teknika kollha mitluba, inkluż abbozz ta’ programm tal-avveniment, deskrizzjoni tal-baġit u l-informazzjoni l-oħra kollha speċifikata f’din id-deċiżjoni.

12.2. Il-Kumitat tal-Avvenimenti tal-KtR, imwaqqaf fi ħdan is-segretarjat ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni, se jeżamina l-espressjonijiet ta' interess kollha li jintbagħtu. L-evalwazzjoni tinkludi valutazzjoni tal-livell ta' formalità, fattibilità u kriterji ta' kwalità tal-avvenimenti proposti, inkluż r-rilevanza tagħhhom mal-prijoritajiet u l-attivitajiet politiċi tal-KtR. Il-gruppi politiċi tal-KtR huma assoċjati matul il-proċess ta’ evalwazzjoni.

12.3. Is-Segretarju Ġenerali se jippreżenta l-abbozz ta' lista ta' avvenimenti lokali appoġġjati mill-KtR lill-Kummissjoni għall-Affarijiet Finanzjarji u Amministrattivi (is-CFAA) għal deċiżjoni, kif ukoll rapport annwali tal-avvenimenti preċedenti, l-eżitu u l-impatt baġitarju tagħhom. L-avvenimenti approvati se jiġu miżjuda mal-ippjanar annwali tal-Kummissjonijiet tal-KtR.

12.4. Derogi mill-obbligi stipulati f'dan l-artikolu jeħtieġu deċiżjoni ġdida mis-Segretarju Ġenerali.

**Artikolu 13 Appoġġ għal avvenimenti lokali koorganizzati**

13.1. Sabiex jikkontribwixxi għall-ispejjeż ta' avvenimenti lokali, il-KtR jista' joffri ċerti servizzi lill-koorganizzaturi, skont ir-Regolamenti interni Nru 003/2014, 004/2014, 005/2014 u 0002/2016, bħal:

- l-interpretazzjoni (massimu ta' 3 lingwi, arranġamenti attivi/passivi);
- rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar/l-indennizzi għal-laqgħat u għall-ivvjaġġar tal-membri tal-KtR;

- rimborż tal-ispejjeż għal ġurnalisti li jivvjaġġaw għall-avveniment u li jakkumpanjaw il-membri tal-KtR;
- l-ispejjeż tal-moderaturi u l-kelliema mistiedna;
- appoġġ fil-komunikazzjoni permezz ta' sħubiija tal-midja, is-sit web tal-KtR u l-pubblikazzjonijiet tal-KtR
- il-forniment ta' materjal ta' informazzjoni tal-KtR matul l-avveniment;
- id-disseminazzjoni tar-riżultati tal-avveniment.

Il-forniment ta' dawn is-servizzi jiġi speċifikat fi skambju ta' ittri bejn il-koorganizzaturi u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni fejn jiġu stabbiliti t-tema, il-format, il-kompiti u l-qsim tal-ispejjeż tal-avveniment.

**Artikolu 14 Il-membri tal-KtR li jipparteċipaw f'avvenimenti lokali organizzati mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-imsieħba fl-Istati Membri**

14.1. Skont l-Artikolu 3 tar-Regolament 0002/2016, il-KtR se jkompli jiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-membri bħala kelliema f'avvenimenti organizzati minn istituzzjonijiet oħra tal-UE, jiġifieri l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, l-Uffiċċji ta' informazzjoni u r-Rappreżentanzi tagħhom fl-Istati Membri kif ukoll f'avvenimenti taċ-Ċentri ta' Informazzjoni Europe Direct jew minn imsieħba oħrajn tal-KtR. L-approvazzjoni u l-istedina formali għall-membri issir skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 0002/2016.

14.2. L-appoġġ lill-membri jeħtieġ impenn ċar mill-organizzatur (fil-programm tal-avveniment) u mill-membru sabiex jiġu żgurati l-viżibbiltà, il-ħidma leġislattiva u l-prijoritajiet politiċi tal-KtR.

**Artikolu 15 Dispożizzjoni finali**

Din id-Deċiżjoni tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru 0070 tas-16 ta' April 2012 u tidħol fis-seħħ fil-jum tal-iffirmar tagħha.

Iffirmata fi Brussell, 22 ta' Frar 2016

Jiří Buriánek
Is-Segretarju Ġenerali